



# UNJONI EWROPEA

IL- PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

Brussell, 20 ta' Novembru 2009  
(OR. fr)

2006/0222 (COD)

PE-CONS 3680/09

CODEC 1286  
CODIF 132  
SOC 678

## ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi ma' l-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (Verżjoni kkodifikata)

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW  
U TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi ma' l-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-  
xogħol**

**(Verżjoni kkodifikata)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 137(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkonsultaw mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>2</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2009 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill ta'....

Billi:

- (1) Id-Direttiva 83/477/KEE tal-Kunsill tad-19 ta' Settembru 1983 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi ma' l-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/1107/KEE)<sup>1</sup> ġiet emendata kemm-il darba<sup>2</sup> b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalita' l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.
- (2) L-asbestos huwa sustanza partikolarment perikoluża li tista' tikkawża mard gravi u li jinsab f'numru kbir ta' ċirkustanzi fuq ix-xogħol. Għalhekk huma ħafna l-ħaddiema esposti għal riskju potenzjali għal saħħithom. Il-kroċidolite huwa kkunsidrat tip ta' asbestos li huwa partikolarment perikoluż.
- (3) Għalkemm it-tagħrif xjentifiku kurrenti mhux tali li jista' jiġi stabbilit livell li taħtu ma jibqgħux jeżistu r-riskji għas-saħħa, tnaqqis fl-esposizzjoni għall-asbestos għandu madanakollu jnaqqas ir-riskju li wieħed jiżviluppa mard konness ma' l-asbestos. Huwa għalhekk neċessarju li jitwaqqfu proċeduri speċifiċi armonizzati li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos. Din id-Direttiva tinkludi kondizzjonijiet minimi li ser jiġu eżaminati mill-ġdid fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba u l-iżviluppi fit-teknoloġija f'dan il-qasam.
- (4) Il-mikroskopija ottika, għalkemm ma tippermettix l-għadd ta' l-iżgħar fibri li jagħmlu ħsara lis-saħħa, hija l-metodu li bħalissa qed jiġi aktar użat għat-tkejjil normali ta' l-asbestos.
- (5) Miżuri preventivi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema li huma esposti għall-asbestos u l-impenn maħsub mill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tas-saħħa huma importanti .

---

<sup>1</sup> ĠU L 263, 24.9.1983, p. 25.

<sup>2</sup> Ara l-Anness II, parti A.

- (6) Sabiex tiġi assigurata kjarazza fid-definizzjoni tal-fibri, dawn għandhom ikunu definiti jew f' termini mineraloġiċi jew fir-rigward tan-numru tas-Servizz Kimiku Astratt (CAS) tagħhom.
- (7) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Komunità li jikkonċernaw il-marketing u l-użu ta' l-asbestos, l-illimitar ta' l-attivitajiet li jnvolvu espożizzjoni għall-asbestos għandu jkollu rwol importanti ħafna fil-prevenzjoni ta' mard assoċjat ma' dik l-espożizzjoni.
- (8) Is-sistema ta' notifika ta' l-attivitajiet li jnvolvu espożizzjoni għall-asbestos għandha tiġi adattata għal sitwazzjonijiet ġodda tax-xogħol.
- (9) Il-projbizzjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-asbestos bi proċess ta' traxxix m'huwiex bizzżejjed biex jimpedixxi r-rilaxx tal-fibri ta' l-asbestos fl-atmosfera. Jeħtieġ ukoll li jkun pprojbiti attivitajiet li jesponu l-ħaddiema għall-fibri ta' l-asbestos matul l-estrazzjoni ta' l-asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti ta' l-asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti li jkun fihom fibri ta' l-asbestos miżjuda apposta, minħabba l-livell għoli tagħhom u li ma jistgħax jiġi prevvist ta' espożizzjoni.
- (10) Waqt li jittieħed kont tal-kapaċità teknika l-aktar reċenti, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-metodoloġija tal-kampjunament użata biex tkejjel il-livell ta' asbestos fl-arja u l-metodu ta' kif jingħaddu l-fibri.
- (11) Għalkemm s'issa għadu ma kienx possibbli li jiġi identifikat il-livell ta' espożizzjoni li taħtu l-asbestos ma jnvolvix ir-riskju tal-kanċer, għandu jitnaqqas kemm jista' jkun il-livell ta' espożizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos fuq ix-xogħol.

- (12) L-impjegati għandhom ikunu meħtieġa li jirrekordjaw, qabel il-bidu ta' xi proġett ta' tneħħija ta' asbestos, il-presenza jew il-presenza preżunta ta' asbestos f'binji jew installazzjonijiet u jikkomunikaw din l-informazzjoni lil persuni oħra li jistgħu jkunu esposti għall-asbestos bħala riżultat ta' l-użu tiegħu, tal-manutenzjoni jew ta' attivitajiet oħrajn fi jew fuq il-bini.
- (13) Għandu jiġi assigurat li t-twaqqiġ jew ix-xogħol ta' tneħħija ta' l-asbestos jitwettaq minn impriżi li huma familjari mal-prekawzjonijiet kollha li għandhom jittieħdu biex jiġu protetti l-ħaddiema.
- (14) Taħriġ speċjali għall-ħaddiema esposti jew li x'aktarx ikunu esposti għall-asbestos għandu jiġi provdut sabiex jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għat-tnaqqis tar-riskji relatati ma' dik l-espożizzjoni.
- (15) Jeħtieġ li jkunu previsti rakkomandazzjonijiet prattiċi dwar is-sorveljanza klinika ta' ħaddiema esposti fid-dawl ta' l-għarfien mediku l-aktar reċenti bil-ħsieb ta' kxif kmieni ta' patoloġiji marbuta ma' l-asbestos .
- (16) L-objettiv ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri t-titjib fil-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-espożizzjoni ta' asbestos fuq ix-xogħol, ma jistgħax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif preskritt fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif preskritt f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv.

- (17) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu f' din id-Direttiva jikkostitwixxu kontribuzzjoni konkreta lejn il-ħolqien ta' dimensjoni soċjali fis-suq intern. Dawn id-dispożizzjonijiet huma limitati għall-minimu sabiex ma jimponux piż żejjed fuq il-ħolqien u l-iżvilupp ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.
- (18) Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali tad-direttivi msemmija fl-Anness II, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

### *Artikolu 1*

1. Din id-Direttiva, għandha bħala l-għan tagħha l-protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji għal saħħithom, inkluża l-prevenzjoni ta' riskji ta' din ix-xorta, li jiġu jew aktarx jiġu mill-fatt li jkunu esposti għall-asbestos fuq ix-xogħol.

Hija tistabbilixxi l-limitu ta' din l-espożizzjoni kif ukoll kondizzjonijiet oħra speċifiċi.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li japplikaw jew idaħħlu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi li jagħtu protezzjoni ikbar għall-ħaddiema, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-bdil ta' l-asbestos b'sostituti anqas perikolużi.

### *Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, «asbestos» tfisser is-silikati fibrużi li ġejjin:

- a) Asbestos actinolite, CAS Nru 77536-66-41;
- b) Asbestos grunerite (amosite) CAS Nru 12172-73-51;
- c) Asbestos anthophyllite, CAS Nru 77536-67-52;
- d) Chrysotile, CAS Nru 12001-29-51;
- e) Crocidolite, CAS Nru 12001-28-41;
- f) Asbestos tremolite, CAS Nru 77536-68-61.

---

<sup>1</sup> Numru fir-reġistru tas-Servizz Kimiku Astratt (CAS).

<sup>2</sup> Numru fir-reġistru tas-Servizz Kimiku Astratt (CAS).

### *Artikolu 3*

1. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jkunu esposti waqt xogħolhom għat-trab li jiġi mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos.
2. Fil-każ ta' kull attività li x'aktarx tinvolvi xi riskju li jiġu esposti għat-trab li jiġi mill-asbestos jew xi materjali li jkun fihom l-asbestos, dan ir-riskju għandu jiġi stmat b'mod li tiġi stabbilita n-natura jew il-grad ta' l-espożizzjoni għat-trab li ġej mill-asbestos jew minn materjali li fihom l-asbestos.
3. Sakemm l-espożizzjoni tal-ħaddiema tkun sporadika u ta' intensità baxxa, u meta jkun ċar mir-riżultati ta' l-istima tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2 li l-limitu ta' l-espożizzjoni għall-asbestos m'għandux jinqabeż fl-arja taż-żona tax-xogħol, l-Artikoli 4, 18 u 19 jistgħu ma jiġux applikati meta x-xogħol jinvolvi:
  - (a) attivitajiet ta' manutenzjoni qosra, mhux kontinwi li fihom jintmissu biss materjali li li ma jinkisrux malajr;
  - (b) it-tneħħija mingħajr deterjorazzjoni ta' materjali mhux degradati li fihom il-fibri ta' l-asbestos huma mqabbda sew mal-matriċi;
  - (c) enkapsulazzjoni jew issiġillar ta' materjali li jkun fihom l-asbestos li huma f'kondizzjoni tajba;

- (d) monitoraġġ u kontroll ta' l-arja, u l-kampjunament biex jiġi aċċertat jekk materjal speċifiku jkunx fih l-asbestos.
4. L-Istati Membri għandhom, wara konsultazzjoni ma' l-imsieħba soċjali, skond il-liġi u l-prattika nazzjonali jippreskrivu linji gwida prattiċi għall-istabbiliment ta' espożizzjoni sporadika u ta' intensità baxxa, hekk kif provdut fil-paragrafu 3.
5. L-istima msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun suġġetta għal konsultazzjoni mal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew fl-istabbiliment u għandhom jerġġu jiġu eżaminati meta jkun hemm raġuni li wieħed jaħseb li mhijiex korretta jew hemm xi bdil materjali fix-xogħol.

#### *Artikolu 4*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 3(3), għandhom jittieħdu miżuri previsti fil-paragrafi 2 sa 5 .
2. L-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jiġu rregolati b'sistema ta' notifika amministrata mill-awtorità responsabbli ta' l-Istat Membru.
3. In-notifika skond il-paragrafu 2 għandha tintbagħat minn min iħaddem lill-awtorità responsabbli ta' l-Istat Membru, qabel ma jinbeda x-xogħol, skond il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali.

Din in-notifika għandha tinkludi ta' l-anqas deskrizzjoni qasira ta':

- (a) fejn jinsab s-sit tax-xogħol;

- (b) it-tip u l-kwantitajiet ta' asbestos użati jew immaniġġjati;
  - (ċ) l-attivitajiet u l-proċessi involuti;
  - (d) in-numru ta' ħaddiema involuti;
  - (e) id-data tal-bidu tax-xogħol u t-tul ta' żmien;
  - (f) miżuri meħuda biex jillimitaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos.
4. Il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriżi jew fl-istabbilimenti għandhom ikollhom aċċess għad-dokumenti li jaqgħu taħt in-notifika msemmija fit-tieni paragrafu li għandhom x'jaqsmu ma' l-impriża jew l-istabbiliment tagħhom stess b'mod konformi mal-liġijiet nazzjonali.
5. Kull darba li bidla fil-kondizzjonijiet tax-xogħol x'aktarx li tirriżulta f'żieda sinifikanti f'espożizzjoni għat-trab ta' l-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos, għandha tintbagħat notifika ġdida.

#### *Artikolu 5*

L-applikazzjoni ta' l-asbestos bi proċess ta' traxxix u proċeduri ta' xogħol li jinvolvu l-użu ta' materjali iżolanti jew li jwaqqfu l-ħoss ta' densità baxxa (anqas minn  $1\text{g}/\text{cm}^3$ ) li jkun jinsab fihom l-asbestos huma pprojbiti.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-*marketing* u l-użu ta' l-asbestos, attivitajiet li jesponu lill-ħaddiema għall-fibri ta' l-asbestos matul l-estrazzjoni ta' asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti ta' l-asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti li jkun fihom asbestos miżjud apposta għandhom ikunu projbiti, bl-eċċezzjoni tat-trattament u d-disponiment ta' prodotti li jirriżultaw mit-twaqqiġ u t-tneħħija ta' l-asbestos.

### *Artikolu 6*

Għall-attivitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 3(1), l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos fuq il-post tax-xogħol għandha titnaqqas għal minimu u f'kull każ taħt il-limitu tal-valur preskritt fl-Artikolu 8, b'mod partikolari permezz tal-miżuri li ġejjin:

- (a) in-numru ta' ħaddiema esposti jew x'aktarx li jkunu esposti għat-trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos għandu jkun limitat għall-figura l-aktar baxxa possibbli;
- (b) il-proċessi tax-xogħol għandhom ikunu disinjati biex ma jipproduċux trab ta' l-asbestos jew, jekk dan ikun impossibbli, li jiġi evitat ir-rilaxx ta' trab ta' l-asbestos fl-arja;
- (c) il-postijiet kollha u l-apparat involut fit-trattament ta' asbestos għandu jkun kapaċi li jiġi regolarment u effettivament immaddaf u mantnut;
- (d) l-asbestos jew materjal li fih l-asbestos li jiġġenera t-trab għandu jiġi maħżun u trasportat f'pakketti ssiġillati kif imiss;

- (e) L-iskart għandu jinġabar u jitneħħa mill-post tax-xogħol kemm jista' jkun malajr f'pakketti ssiġillati kif imiss b'tabelli li jindikaw li jkun fihom l-asbestos; din il-miżura ma tapplikax għal attivitajiet tal-minjieri; dak ir-rimi għandu mbagħad jiġi ttrattat skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar skart perikoluż<sup>1</sup>.

#### *Artikolu 7*

1. Skond ir-riżultati ta' l-stima inizjali tar-riskju, u sabiex tiġi assigurata konformità mal-limitu preskritt fl-Artikolu 8, il-kejl tal-fibri ta' l-asbestos fl-arja fil-post tax-xogħol għandu jitwettaq regolarment.
2. Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv ta' l-espożizzjoni personali tal-ħaddiema għal trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos.
3. Il-kampjunament għandu jitwettaq wara konsultazzjoni mal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew stabbiliment.
4. Il-kampjunament għandu jitwettaq minn persunal kwalifikat kif imiss. Il-kampjuni meħuda għandhom sussegwentement ikunu analizzati, skond il-paragrafu 6, f'laboratorji mgħammra biex jingħaddu l-fibri.
5. It-tul ta' żmien tal-kampjunament għandu jkun tali li espożizzjoni rappreżentattiva tista' tiġi stabbilita għal perjodu ta' referenza ta' tmien sigħat (xift wieħed) permezz ta' kejl jew kalkolazzjonijiet peżati skond il-ħin.

---

<sup>1</sup> ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20.

6. L-għadd tal-fibri għandu jitwettaq kull fejn possibbli permezz ta' *phase-contrast microscope* (PCM) skond il-metodu rakkomandat ta' l-1997 mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)<sup>1</sup> jew xi metodu ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti.

Għall-għanijiet tal-kejl ta' l-asbestos fl-arja, kif imsemmija fl-ewwel paragrafu, għandhom jiġu kkunsidrati biss dawk il-fibri biss b'tul ta' aktar minn 5 mikrometri u wisa' ta' inqas minn 3 mikrometri u proporzjon ta' tul/wisa' akbar minn 3:1.

#### *Artikolu 8*

Min iħaddem għandu jassigura li ebda ħaddiem ma jiġi espost għall-konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja li teċċedi  $z-0,1$  fibri kull  $cm^3$  fuq medja ta' perjodu ta' tmien sigħat peżat skond il-ħin (TWA).

#### *Artikolu 9*

L-emendi meħtieġa sabiex jaddattaw l-Anness I ta' din id-Direttiva għall-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> *Stabbiliment ta' konċentrazzjonijiet ta' fibri li jinġarru fl-arja. Metodu rakkomandat, permezz ta' phase-contrast optical microscopy (metodu membrane filter)*, WHO, Geneva 1997, ISBN 92-4-154496-1.

<sup>2</sup> ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

### *Artikolu 10*

1. Fejn il-limitu preskritt fl-Artikolu 8 jinqabeż, ir-raġunijiet għaliex il-limitu jkun inqabeż għandhom jiġu identifikati u miżuri adattati biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni għandom jittieħdu mill-aktar fis possibbli.

Ma jistax jibqa' jsir xogħol fiż-żona affetwata sakemm ma jkunux ittieħdu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema interessati.

2. Biex jiġi kkontrollat kemm huma effettivi l-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għandhom jiġu stabbiliti għal darb'oħra u minnufih il-konċentrazzjonijiet ta' l-asbestos fl-arja.
3. Fejn l-espożizzjoni ma tistgħax titnaqqas b'mezzi oħra u fejn il-konformità mal-limitu teħtieġ l-ilbies ta' apparat tan-nifs individwali protettiv, dan m'għandux ikun permanenti u għandu jinżamm għall-minimu strett meħtieġ għal kull ħaddiem. Matul perjodi ta' xogħol li jeħtieġu l-użu ta' dak l-apparat tan-nifs, għandha ssir dispożizzjoni għal perjodi ta' mistrieħ adattati għall-kondizzjonijiet fiżiċi u klimatoloġiċi u, fejn relevanti, b'konsultazzjoni mal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew stabbiliment, skond il-liġijiet u l-prattika nazzjonali.

### *Artikolu 11*

Qabel ma jinbeda xogħol ta' twaqqiġ jew manutenzjoni, min iħaddem għandu jieħu, fejn xieraq, billi jikseb informazzjoni mis-sidien tal-post, il-passi kollha meħtieġa biex jidentifika materjali li huwa maħsub li fihom l-asbestos.

Jekk ikun hemm xi dubju dwar il-preżenza ta' asbestos f' materjal jew kostruzzjoni, id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' din id-Direttiva għandhom jiġu osservati.

### *Artikolu 12*

Fil-każ ta' ċerti attivitajiet bħal xogħolijiet ta' twaqqiġ, tneħħija, tiswija u manutenzjoni li fir-rigward tagħhom ikun prevvist li l-limitu tal-valur stipulat fl-Artikolu 8 jinqabeż minkejja l-użu ta' miżuri tekniċi preventivi għall-illimitar ta' konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja, min iħaddem għandu jistabbilixxi l-miżuri maħsuba biex tiġi assicurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li jkunu qed jaħdmu f'dawk l-attivitajiet, b'mod partikolari dan li ġej:

- (a) il-ħaddiema għandu jinħarġilhom apparat respiratorju adattat u apparat ieħor personali protettiv, li għandu jintlibes,
- (b) għandhom jitqiegħdu sinjali ta' twissija li juru li huwa prevvist li l-limitu preskritt fl-Artikolu 8 sejjer jinqabeż, u
- (ċ) it-tixrid ta' trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos barra l-post jew is-sit ta' l-azzjoni għandu jkun evitat.

Il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew fl-istabbiliment għandhom jiġu kkonsultati dwar dawn il-miżuri qabel ma jsiru l-attivitajiet ikkonċernati.

### *Artikolu 13*

1. Għandu jitfassal pjan ta' xogħol qabel ma jinbeda xi xogħol ta' twaqqiġ jew xogħol ta' tneħħija ta' l-asbestos u/jew ta' prodotti li jkun fihom l-asbestos minn bini, strutturi, impjanti jew installazzjonijiet jew minn vapuri.
2. Il-pjan imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jippreskrivi l-miżuri meħtieġa biex jassiguraw is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

Il-pjan għandu b'mod partikolari jispeċifika li:

- a) asbestos u/jew prodotti li fihom l-asbestos għandhom jitneħħew qabel ma tiġi applikata t-teknika tat-twaqqiġ, ħlief fejn dan johlq riskju akbar għall-ħaddiema milli jekk l-asbestos jew il-prodotti li fihom l-asbestos jitħallew fil-post;
- b) l-apparat personali protettiv imsemmi fl-Artikolu 12(1)(a) għandu jkun provdut, fejn meħtieġ;
- c) meta x-xogħol tat-twaqqiġ jew tneħħija ta' l-asbestos ikun tlesta, l-assenza ta' riskji ta' espożizzjoni għall-asbestos fil-post tax-xogħol għandha tiġi verifikata b'konformità mal-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali.

Fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, il-pjan għandu jinkludi informazzjoni dwar dan li ġej:

- a) in-natura tax-xogħol u kemm x'aktarx li jdum sejjer;

- b) il-post fejn isir ix-xogħol;
  - ċ) il-metodi li jiġu applikati meta x-xogħol jinvolvi l-immaniġġar ta' l-asbestos jew ta' materjali li jkun fihom l-asbestos;
  - d) il-karatteristiċi ta' l-apparat użat għal:
    - i) protezzjoni u d-dekontaminazzjoni ta' dawk li qed jagħmlu x-xogħol,
    - ii) protezzjoni tal-persuni l-oħra preżenti jew qrib tal-post tax-xogħol.
3. Fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti, il-pjan imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi nnotifikat lilhom qabel il-bidu tax-xogħol proġettat.

#### *Artikolu 14*

1. Min iħaddem għandu jipprovdi taħriġ adattat għall-ħaddiema kollha li huma, jew li x'aktarx ikunu, esposti għal trab li joriġina mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos. Dak it-taħriġ għandu jkun provdut f'intervalli regolari u bla ebda spiża għall-ħaddiema.
2. Il-kontenut tat-taħriġ għandu jkun jiftiehem faċilment mill-ħaddiema. Għandu jippermettilhom li jiksbu l-għerf u l-kapaċitajiet meħtieġa f'termini ta' prevenzjoni u sigurtà, partikolarment fir-rigward ta':
  - (a) il-proprjetajiet ta' l-asbestos u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa, inkluż l-effett sinerġiku tat-tipjip;
  - (b) it-tipi ta' prodotti u materjali li x'aktarx ikun fihom l-asbestos;

- (ċ) l-operazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'espożizzjoni għall-asbestos u l-importanza ta' kontrolli preventivi biex tiġi minimizzata l-espożizzjoni;
  - (d) prattika ta' xogħol bla perikolu, kontrolli u apparat protettiv;
  - (e) ir-rwol xieraq, l-għażla, l-għażla, is-selezzjoni, il-limitazzjonijiet u l-użu kif imiss ta' apparat respiratorju;
  - (f) proċeduri ta' emerġenza;
  - (g) proċeduri ta' dekontaminazzjoni;
  - (h) rimi ta' l-iskart;
  - (i) ħtiġiet ta' eżami mediku.
3. Linji gwida prattiċi għat-taħriġ ta' ħaddiema li jneħħu l-asbestos għandhom ikunu żviluppati fil-livell tal-Komunità.

#### *Artikolu 15*

Qabel ma jitwettaq xogħol ta' twaqqiġ jew tneħħija ta' asbestos, id-ditti għandhom jipprovdu evidenza ta' l-abbiltà tagħhom f'dan il-qasam. L-evidenza għandha tiġi stabbilita skond il-liġijiet u/jew prattika nazzjonali.

*Artikolu 16*

1. Fir-rigward ta' l-attivitajiet kollha msemija fl-Artikolu 3(1), u bla ħsara għall-Artikolu 3(3), għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li:
  - (a) il-postijiet fejn isiru l-attivitajiet msemija aktar 'il fuq għandhom:
    - (i) ikunu mmarkati b'mod ċar u indikati b'sinjali ta' twissija;
    - (ii) ma jkunux aċċessibbli għall-ħaddiema ħlief għal dawk li għandhom bżonn jidħlu fihom minħabba x-xogħol jew id-dmirijiet tagħhom;
    - (iii) ikunu żoni fejn ma jkunx permess tipjip;
  - (b) jitwarrbu żoni fejn il-ħaddiema jistgħu jieklu u jixorbu mingħajr ir-riskju ta' tniġġis mit-trab ta' l-asbestos;
  - (ċ) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'ilbies tax-xogħol xieraq jew protettiv; dan l-ilbies tax-xogħol jew protettiv jibqa' ġewwa l-impriża; iżda, jista' jinħasel fi stabbilimenti barra l-impriża li huma mgħammra għal dan it-tip ta' xogħol kemm-il darba l-impriża stess ma tagħmilx it-tindif; f'dak il-każ l-ilbies għandu jinġarr f'kontenituri magħluqa;
  - (d) jiġu pprovduti postijiet separati għaż-żamma ta' l-ilbies tax-xogħol jew protettiv u l-ilbies ta' barra;

- (e) il-ħaddiema jiġu pprovvuti b'faċilitajiet xierqa għall-ħasil u twaletta, inklużi doċoċ fil-każ ta' ħidmiet fit-trab;
  - (f) l-apparat protettiv jitqiegħed f'post definit tajjeb u jiġi kkontrollat u mnaddaf wara kull darba li jintuża u għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jissewwa jew jinbidel apparat difettuż qabel ma jerġa' jintuża.
2. Il-ħaddiema ma jistgħux jiġu mgieġhla jħallsu għan-nefqa tal-miżuri meħuda skond il-paragrafu 1.

### *Artikolu 17*

1. Fil-każ ta' l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1), għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew fl-istabbiliment jirċievu informazzjoni xierqa dwar:
- (a) ir-riskji potenzjali għas-saħħa meta jiġu esposti għat-trab li jiġi mill-asbestos jew minn materjali li jkun fihom l-asbestos;
  - (b) l-eżistenza ta' limiti statutorji u l-ħtieġa li l-arja tkun immonitorjata;
  - (ċ) il-kondizzjonijiet ta' iġjene mitluba, inkluża l-ħtieġa li ma jsirx tipjip;
  - (d) il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ilbies u l-użu ta' apparat u ilbies protettivi;

- (e) il-prekawzjonijiet speċjali maħsuba biex inaqqsu kemm jista' jkun il-livell ta' espożizzjoni għall-asbestos.
2. Barra mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, u bla ħsara għall-Artikolu 3(3), għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li:
- (a) il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew fl-istabbiliment ikollhom aċċess għar-riżultati tat-tkejjil tal-konċentrazzjoni ta' l-asbestos fl-arja u jistgħu jingħataw tifsiriet ta' xi jfissru dawk ir-riżultati;
  - (b) jekk ir-riżultati jeċċedu l-limitu preskritt fl-Artikolu 8 il-ħaddiema konċernati u r-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew stabbiliment ikunu informati kemm jista' jkun malajr bil-fatt u bir-raġunijiet għal dan u l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom fl-impriża jew stabbiliment ikunu konsultati dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu jew, f'emerġenza, jiġi infurmati bil-miżuri li jkunu ttieħdu.

#### *Artikolu 18*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 3(3) għandhom jittieħdu l-miżuri mniżżla fil-paragrafi 2 sa 5 :
2. Għandha tkun disponibbli stima ta' l-istat tas-saħħa ta' kull ħaddiem qabel ma jibdew ikunu esposti għall-asbestos jew għall-materjali li jkun fihom l-asbestos fuq il-post tax-xogħol.

Din l-istima għandha tinkludi eżami speċifiku tas-sider. L-Anness I jagħti rakkomandazzjonijiet prattiċi li l-Istati Membri jistgħu jirrifere għalihom għas-sorveljanza klinika tal-ħaddiema; dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adattati għall-progress tekniku skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.

Stima ġdida għandha tkun disponibbli mill-inqas darba kull tliet snin sakemm tkompli l-espożizzjoni.

Għandu jitwaqqaf rekord individwali tas-saħħa, skond il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali għal kull ħaddiem.

3. Wara s-sorveljanza klinika msemmija fit-tieni sentenza tal-paragrafu 2 , it-tabib jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza medika tal-ħaddiema għandhom, skond il-liġijiet nazzjonali, jagħtu parir dwar il-miżuri individwali protettivi jew preventivi li għandhom eventwalment jittieħdu jew jistabbilixxu dawn il-miżuri.

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu, fejn huwa xieraq, it-tneħħija tal-ħaddiem ikkonċernat minn kwalunkwe espożizzjoni għat-trab ġej mill-asbestos jew mill-materjali li jkollhom l-asbestos.

4. Għandhom jingħataw lill-ħaddiema informazzjoni u pariri fir-rigward ta' kull stima tas-saħħa tagħhom li jistgħu jgħaddu minnha wara t-tmiem ta' l-espożizzjoni.

It-tabib jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza medika ta' ħaddiema jistgħu jindikaw li s-sorveljanza medika għandha tkompli wara t-tmiem ta' l-espożizzjoni sakemm huma jqisu li dan ikun meħtieġ biex tiġi salvagwardjata s-saħħa tal-persuna kkonċernata.

Dik is-sorveljanza li tkompli għandha titwettaq skond il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali.

5. Il-ħaddiem ikkonċernat jew min iħaddmu jista' jitlob li l-istima msemija fil-paragrafu 3 tiġi riveduta b'mod konformi mal-liġijiet nazzjonali.

#### *Artikolu 19*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 3(3) għandhom jittieħdu l-miżuri msemija fil-paragrafi 2, 3 u 4 :
2. Min iħaddem irid idaħħal lill-ħaddiema li jkunu responsabbli li jwettqu l-attivitajiet imsemija fl-Artikolu 3(1) f'reġistru, li jindika n-natura u d-dewmien ta' l-attività u l-livell ta' l-espożizzjoni tagħhom. It-tabib u/jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza medika għandhom ikollhom aċċess għal dan ir-reġistru. Kull ħaddiem ikkonċernat għandu jkollu aċċess għar-riżultati fir-reġistru li għandhom x'jaqsmu miegħu personalment. Il-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti fl-impriża jew l-istabiliment tagħhom għandhom jkollhom aċċess għall-informazzjoni anonima u kollettiva li jkun hemm fir-reġistru.
3. Ir-reġistru msemmi fil-paragrafu 2 u rekords mediċi msemija fl-Artikolu 18 (2), ir-raba' sentenza, għandhom jinżammu għal ta' l-anqas erbgħin sena wara t-tmiem ta' l-espożizzjoni, skond il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali.
4. Id-dokumenti msemija fil-paragrafu 3 għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-awtorità responsabbli fil-każi fejn l-impriża ma tibqax bl-attività tagħha, skond il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali.

### *Artikolu 20*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal sanzjonijiet adegwati li jkunu applikabbli fil-każ ta' ksur tal-liġijiet nazzjonali adottata bis-saħħa ta' din id-Direttiva. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswassivi.

### *Artikolu 21*

L-Istati Membri jridu jżommu reġistru tal-każijiet kollha magħrufa ta' asbestożi u tal-mesoteljoma.

### *Artikolu 22*

Kull ħames snin, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-forma ta' Kapitolu speċifiku tar-rapport uniku previst fl-Artiklu 17(a)(1), (2) u (3) tad-Direttiva 89/391/KEE, li għandu jservi bħala bażi ta' l-evalwazzjoni li għandha ssir mill-Kummissjoni skond l-istess Artikolu 17(a)(4).

### *Artikolu 23*

L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam li jaqa' taħt din id-Direttiva.

*Artikolu 24*

Id-Direttiva 83/477/KEE, kif emendata mid-Direttivi elenkati fil-Parti A tal-Anness II, hija b'dan imħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi elenkati fil-Parti B tal-Anness II.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

*Artikolu 25*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 26*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## ANNEX I

Rakkomandazzjonijiet prattiċi għall-monitoraġġ kliniku tal-ħaddiema  
previsti fl-Artikolu 18 (2), it-tieni sentenza

1. It-tagħrif kurrenti jindika li l-fatt li l-espożizzjoni għall-fibri ħielsa ta' l-asbestos jista' jġib il-mard li ġej:
  - asbestożi,
  - mesoteljoma,
  - karċinoma fil-bronki,
  - karċinoma gastro-intestinali.
2. It-tabib u/jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza medika tal-ħaddiema esposti għall-asbestos għandhom ikunu familjari mal-kondizzjonijiet jew ċirkostanzi li għalihom ikun espost kull ħaddiem.
3. L-eżami tas-saħħa tal-ħaddiema għandu jitwettaq skond il-prinċipji u l-prattika ta' mediċina okkupazzjonali. Għandu jinkludi ta' l-anqas il-miżuri li ġejjin:
  - iż-żamma ta' records ta' l-istorja medika u okkupazzjonali tal-ħaddiem,
  - intervista personali,

- eżami kliniku ġenerali, b' referenza partikolari għas-sider,
- testijiet tal-funzjoni tal-pulmun (volumi u rati tal-kurrent respiratorju).

It-tabib u/jew l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tas-saħħa għandu jiddeċiedi dwar aktar eżamijiet, bħal testijiet ta' *sputum cytology* jew *X-ray* tas-sider jew *tomodensitometry*, fid-dawl ta' l-għerf dwar is-saħħa okkupazzjonali l-aktar reċenti disponibbli.

## ANNEX II

### Parti A

Direttiva mħassra flimkien ma' lista ta' l-emendi sukcessivi tagħha  
(imsemmija fl-Artikolu 24)

Direttiva tal-Kunsill 83/477/KEE  
(ĠU L 263, 24.9.1983, p. 25)

Direttiva tal-Kunsill 91/382/KEE  
(ĠU L 206, 29.7.1991, p. 16)

Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE  
(ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11)

l-Artikolu 13(2) tiegħu biss

Direttiva tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill 2003/18/KE  
(ĠU L 97, 15.4.2003, p. 48)

Direttiva tal-Parlament Ewropew u  
tal-Kunsill 2007/30/KE  
(ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21)

l-Artikolu 2(1) tiegħu biss

Parti B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali  
(imsemmija fl-Artikolu 24)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
83/477/KEE	31 ta' Diċembru 1986 <sup>1</sup>
91/382/KEE	1-1 ta' Jannar 1993 <sup>2</sup>
98/24/KE	il-5 ta' Mejju 2001
2003/18/KE	14 ta' April 2006
2007/30/KE	31 ta' Diċembru 2012

---

<sup>1</sup> Din id-data hija mibdula bid-data tal-31 ta' Diċembru 1989 għal dak li għandu x'jaqsam ma' attivitajiet ta' tħaffir għall-asbestos

<sup>2</sup> Għal dak li għandu x'jaqsam mar-Repubblika Ellenika d-data ta' limitu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva hija l-1 ta' Jannar 1996. Iżda, id-data tat-trapożizzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar tħaffir għall-asbestos hija l-1 ta' Jannar 1996 għall-Istati Membri kollha u l-1 ta' Jannar 1999 għar-Repubblika Ellenika.

### ANNEX III

Tabella Ta' Korrelazzjoni

Direttiva 83/477/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2)	-
Artikolu 1(3)	Artikolu 1(2)
Artikolu 2, l-ewwel sas-sitt inċiż	Artikolu 2(a) sa (f)
Artikolu 3(1) sa (3)	Artikolu 3(1) sa (3)
Artikolu 3(3)(a)	Artikolu 3(4)
Artikolu 3(4)	Artikolu 3(5)
Artikolu 4, kliem tal-bidu	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(2)
Artikolu 4(2)	Artikolu 4(3)
Artikolu 4(3)	Artikolu 4(4)
Artikolu 4(4)	Artikolu 4(5)
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6, punti (1) sa (5)	Artikolu 6, punti (a) sa (e)
Artikoli 7 u 8	Artikoli 7 u 8
Artikolu 9(2)	Artikolu 9

Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 10(a)	Artikolu 11
Artikolu 11(1) u (2)	Artikolu 12, l-ewwel u t-tieni sentenza
Artikolu 12(1)	Artikolu 13(1)
Artikolu 12(2), l-ewwel sentenza	Artikolu 13(2), l-ewwel sentenza
Artikolu 12(2), it-tieni sentenza, l-ewwel inċiż	Artikolu 13(2), it-tieni sentenza, punt (a)
Artikolu 12(2), it-tieni sentenza, it-tieni inċiż	Artikolu 13(2), it-tieni sentenza, punt (b)
Artikolu 12(2), it-tieni sentenza, it-tielet inċiż	Artikolu 13(2), it-tieni sentenza, punt (ċ)
Artikolu 12(2), it-tielet sentenza, l-ewwel inċiż	Artikolu 13(2), it-tielet sentenza, punt (a)
Artikolu 12(2), it-tielet sentenza, it-tieni inċiż	Artikolu 13(2), it-tielet sentenza, punt (b)
Artikolu 12(2), it-tielet sentenza, it-tielet inċiż	Artikolu 13(2), it-tielet sentenza, punt (ċ)
Artikolu 12(2), it-tielet sentenza, ir-raba' inċiż	Artikolu 13(2), it-tielet sentenza, punt (d)
Artikolu 12(2), it-tielet sentenza, ir-raba' inċiż, l-ewwel sub inċiż	Artikolu 13(2), it-tielet sentenza, punt (d)(i)
Artikolu 12(2), it-tielet sentenza, ir-raba' inċiż, it-tieni sub inċiż	Artikolu 13(2), it-tielet sentenza, punt (d)(ii)
Artikolu 12(3)	Artikolu 13(3)

Artikolu 12a	Artikolu 14
Artikolu 12b	Artikolu 15
Artikolu 13(1)(a)	Artikolu 16(1)(a)
Artikolu 13(1)(b)	Artikolu 16(1)(b)
Artikolu 13(1)(ċ)(i) u (ii)	Artikolu 16(1)(ċ)
Artikolu 13(1)(ċ)(iii)	Artikolu 16(1)(d)
Artikolu 13(1)(ċ)(iv)	Artikolu 16(1)(e)
Artikolu 13(1)(ċ)(v)	Artikolu 16(1)(f)
Artikolu 13(2)	Artikolu 16(2)
Artikolu 14(1), kliem tal-bidu	Artikolu 17(1), kliem tal-bidu
Artikolu 14(1), l-ewwel sal-ħames inċiżi	Artikolu 17(1)(a) sa (e)
Artikolu 14(2)	Artikolu 17(2)
Artikolu 15, kliem tal-bidu	Artikolu 18(1)
Artikolu 15, punti (1) sa (4)	Artikolu 18 (2) sa (5)
Artikolu 16, kliem tal-bidu	Artikolu 19(1)
Artikolu 16, punti (1) sa (3)	Artikolu 19(2) sa (4)
Artikolu 16a	Artikolu 20
Artikolu 17	Artikolu 21
Artikolu 17a	Artikolu 22

Artikolu 18(1)

Artikolu 18(2)

\_\_\_\_\_

\_\_\_\_\_

Artikolu 19

Anness II

\_\_\_\_\_

\_\_\_\_\_

\_\_\_\_\_  
Artikolu 23

Artikolu 24

Artikolu 25

Artikolu 26

Anness I

Anness II

Anness III